MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 77/2006

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Noel Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fit-18 t'Awissu, 2003 u qabel din id-data, fil-kwalita' tieghu ta' direttur ta' Topserv Ltd (13149) ta' "Top Serv Bldg", Bone Alley, Industrial Est. Mriehel, naqas li jhallas lil Jeffrey Bonnici u lil kull wiehed mill-ex impjegati li isimhom jidher fil-prospett anness mac-citazzjoni, paga, sahra, bonus, allowance tal-gimgha, kumpens flok vakanzi w kumpens flok avviz fejn ma nghatax, skond l-ammonti indikati ghal kull persuna li isimha jidher fil-prospett anness.

Rat il-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu, 2006, li bih, iddecidiet li bl-ebda mod ma jista’ jinghid li l-akkuza hi preskritta w ghalhekk cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mid-difiza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza (Sic!) in kwantu sabet li l-akkuza mhix prekritta w konsegwentement tbiddilha w tirriformha billi ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu minhabba li ghadda z-zmien tan-notifika w per konsegwenza tiddikjara li l-akkuzi huma preskritti.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-verbal tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet l-irritwalita’ w n-nullita’ tal-appell stante li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-preskrizzjoni ma kienetx appellabbli f’dan l-istadju a tenur tal-artikolu 415 (1) tal-Kodici Kriminali.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kull ma gie deciz fid-decizzjoni appellata hu li giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellant, bla ma l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi dwar il-mertu tal-kawza.**

**Illi skond l-artikolu 415(1) tal-Kodici Kriminali, l-appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa ‘l quddiem, jista jsir biss wara s-sentenza definittiva w flimkien ma’ l-appell minn dik is-sentenza.**

**Illi ghalkemm il-provvediment li tat l-Ewwel Qorti ma ssejjahx Digriet, dejjem gie ritenut li decizjoni dwar li akkuza mhux preskritta u li ghalhekk ma twaqqafx il-procediment, ma hix sentenza finali w definittiva**

**ghaliex sentenza definittiva hija wahda li tiddisponi mill-mertu u li fiha tigi deciza l-kwistjoni jekk l-akkuzat hux hati jew mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo **"Notes on Criminal Law" (1955) (Vol.III – Criminal Procedure. p. 57) :-**

"The expression 'interlocutory decree' in the context must be construed not only in the restricted sense of those decrees whereby directions are given in the course of the proceedings preliminary to the decision on the merits (e.g. directions in respect of the evidence) but in the wide and comprehensive sense of any kind of decrees even though they decide on some issue touching the merits rather than the general issue. (Criminal Appeal Anderson vs. Galea, 16/10/1900 – Law Reports Vol. XVIII ,p. iv. p.29; German vs. Mizzi , 19/3/1928 – Law Reports Vol.XXVIII, p. iv. p.647). In Criminal Appeal "The Police vs. Lavetti", 4/6/1938, the Court held that the words "interlocutory decree " referred not only to the decrees which are meant to give directions for regulating the proceedings but should be widely construed as meaning and including all kinds of decrees even those which dispose of some collateral issue (R.C.C.A. para. 82 , p.155)".

**Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-provvediment tal-Ewwel Qorti jista' jitqies bhala Digriet interlokutorju li mhux talli ma waqqafx il-procediment imma, in forza tieghu, l-kawza suppost li kellha titkompla w tigi deciza fuq il-mertu**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa l-pregudizzjali sollevata mil-Avukat Generali w tiddikjara d-decizjoni tal-Ewwel Qorti inappellabbli f'dan l-istadju w ergo tiddikjara l-appell irritu w null u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tieghu w tordna lir-Registratur li jibghat l-atti processwali lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza definittivament fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------